# Patri Mikielang Zammit

*Kitba ta' Carmelo P. Baldacchino*

Il Patri Mikielangelo Zammit twieled Ħal-Bisbut fit-28 ta' Settembru 1773, Bin it-Tabib Alessandro u Giovanna Rosa, huwa ġie mgħammed l-għada w ġie mgħoti l-isem ta' Giovanni Battista, Mikiel u Fedele.

Sa minn ċkunitu Giobatta kien imrobbi tajjeb ħafna, u meta tfarfar ftit mill-ewwel deher li kien mitfugħ għall-istudju. Missieru kien jagħtih xi ktieb u jgħallmu jaqra u jikteb. Ta' kull filgħodu wara li kien jirritorna d-dar mill-quddiesa ta' kuljum li qatt ma kienu jitilfu, missieru kien jgħallmu kif għandu jgħin il-quddiesa, u għalkemm żgħir fl-eta' malajr tgħallem il-quddiesa, li malajr beda jgħin xi waħda fil-parroċċa fejn kulħadd kien jiggustah, għax bilkemm ilaħħaq ma' l-artal. Erħilu ta' kull filgħodu jiġri lejn il-parroċċa biex jgħin il-quddiesa u wara erħilu jistudja dak li kien jatih missieru.

Il-passatemp tiegħu kien li joqgħod jilgħab bl-affarijiet tal-knisja w jkanta xi strofi milli kien jitgħallem il-parroċċa.

Meta kien għad għandu sittax-il sena Giobatta wera x-xewqa lil ġenituri tiegħu li jixtieq jidħol patri. Missieru malajr kellem lil patrijiet Dumnikani li aċċettawh jidħol novizz magħhom. Giobatta mill-ewwel intefa għall-istudju tiegħu, tant li kien jiġi minn ta' l-ewwel fl-eżamijiet. Is-Superjuri tiegħu meta raw l-għerf ta' dan il-ġuvnott infurmaw lil ġenituri tiegħu li kienu sejrin jibgħatuh ikompli li studji tiegħu barra minn Malta. Wara li ġie mlibbes iċ-ċoqqa ta l-Ordni tal-Predikaturi ġie mgħoti l-isem ta' Fra Mikielangelo li baqa mgħarruf bih il-kumplament ta ħajtu.

L-istudji ssoktaw sakemm Fra Mikielangelo waslitlu dik il-ġurnata li tant kien jixtieq meta fl-24 ta' Ottubru 1796 Mons. Antonio Martini Arċisqof ta' Firenze, ordnah Saċerdot fil-katidral. Wara Patri Mikielangelo kompla bl-istudji tiegħu fejn ġie mgħoti l-grad ta' Lettur tat-Teologija (S.Th.L.)

Dak iż-żmien li Patri Mikielangelo Zammit kien barra mil-Gżira, Malta għaddiet minn epoka tremenda ta' l-imblokk tal-Franċiżi, fejn sar ħafna tkasbir lir-religjon, serq mill-knejjes u martirju lil Maltin ħutna fosthom lil Dun Mikiel Xerri u lil sieħbu Fra Bartolomeo Zarb Dumnikan bħalu. Id-Dumnikani kollha tal-Belt ġew mitfuha l-ħabs ta' Sant' Iermu, storja li baqgħet miftakra għal dan il-martirju ta' ħutna l-Maltin. Għalkemm Patri Mikielangelo Zammit kien għadu barra minn Malta ma naqasx li joffri t-talb tiegħu għal ħutu l-Maltin.



Patri Mikielanġ Zammit

Il-kapaċita tiegħu kienet stmata minn dawk kollha li kienu jagħmluha miegħu, kemm f'Malta kif ukoll barra, imma l-aktar mis-superjuri tiegħu li meta rritorna lura f'art twelidu, barra mill-qadi saċerdotali tiegħu fdawlu f'idejh il-Giuliana li tikkonsisti li turi l-istorja tal-kunvent biex ikompli fejn ħalla il-mejjet Patri Vinċenzo Zammit O.P.

Patri Mikielangelo kiteb ir-raba' parti li gabar fiha mill-1805 sal-1827. It-tielet parti li kellha tigbor fiha mill-1797-1804 kellu l-ħsieb li jiktibha, imma billi kellu xogħol aktar importanti speċjalment fit-tagħlim lin-novizzi w dan l-uffiċju kien ta' responsabilta' kbira w kien jeħodlu ħafna ħin, ma setax ikompliha faċilment.

Sa mill-bidu tas-seklu XIX beda jgħallem l-istudju tat-Teoloġija u l-Filosofija fejn dam imexxi dan l-uffiċju għal 40 sena shaħ fil-kunvent ta' San Duminku tar-Rabat. Tant mexxa tajjeb dan l-uffiċju li ġie mlaħħaq Lettur Prim tat-Teoloġija li huwa unur kbir fil-komunita'.

Patri Mikielangelo Zammit jibqa' mfakkar żgur għax-xogħol tiegħu bħala prokuratur fejn wettaq dan l-uffiċju bl-aktar ħila, u ħalla warajh ħafna opri fosthom il-Kabreo li fih ġabar il-propjeta' tal-kunvent f'dan il-ktieb u xogħolijiet oħra li għadhom



ANTONIO MARTINI
PER LA GRAZIA DI DIO, E DELLA SANTA SEDE APOSTOLICA
ARCIVESCOVO DI FIRENZE
PRELATO DOMESTICO DELLA SANTITA' DI N. S. PAPA PIO VI. VESCOVO ASSISTENTE AL SOGLIO PONTIFICIO E PRINCIPE DEL SACRO ROMANO IMPERO.

A Chiunque vedrà le presenti nostre Lettere Testimoniali attestiamo, qualmente tenutasi da Noi l' Ordinazione Generale degli Ordini Sacri nella Cappella del Nostro Palazzo Arcivescovile

Osservate le debite Ceremonie, e le altre cose da osservarsi secondo il Rito prescritto da Santa Madre Chiesa abbiamo conferito

che genuflesso avanti di Noi con decente abito Clericale l' addimandava, e che era stato precedentemente esaminato, ritrovato idoneo, e capace a poterlo conseguire. Presenti

In fede di che ec.
Dato in Firenze dal Palazzo Arcivescovile questo dì

ta' għajnuna kbira lil prokuraturi ta' żmiena. Barra mill-ħafna xogħolijiet tiegħu ta' minn isemmi li bil-ħila tiegħu sar id-denfil madwar il-kunvent ta' San Duminku tar-Rabat li jikkonsisti f'ħajt dobblu mill-pedament sat-twieqi taċ-ċelel biex isaħħaħ il-bini li kien fil-periklu li jista jiġġarraf.

Patri Mikielangelo Zammit ħadem ferm biex iġib il-ħajja reliġjuża 'l quddiem fil-kunvent tiegħu, dan għamlu bl-eżempju, għemil tajjeb, u fuq kollox bit-talb.

Huwa kien darbtejn Vigarju Ġenerali tal-Kunventi ta' Malta fis-snin 1823-1826 u fl-1831-1834. Ta min isemmi li huwa kien jaf tajjeb bil-Grieg, Franċiż, Latin, Għarbi u Ibrajk, u kien magħruf ħafna fil-Geometrija, Matematika u l-Fiżika kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Huwa kien magħruf ukoll għall-priedki li spiss kien jagħmel fil-parroċċi madwar Malta kollha.

Il-mard ma jaħfirha lil ħadd, u dan il-patri enerġiku w ħabrieki f'Diċembru 1823 tfaċċatlu risipola f'wiċċu li f'qasir żmien attakkatlu għajnejh u f'qasir żmien tilef id-dawl. Huwa xtaq li jkompli jaħdem imma t-tabib impedieh minn dan ix-xogħol Imma għalkemm għama, il-pinna tiegħu ma waqfitx, għalkemm ma ħaddimiex huwa stess; huwa kien kompla bil-kitba tal-Giliana billi kien jiddetta lil Patri Vincenz Azzopardi O.P.

Mhux ta b'xejn li Patri Mikielangelo Zammit baqa' magħruf il-Giuljanista anke wara mewtu. Is-snin 1828-1850 baqgħu ma nkitbux u min ipprova jagħmel dan ma sabx fuqhiex ikompli billi n-notamenti li kellu Patri Mikielanagelo kienu ntilfu w kellhom jgħaddu snin twal ħafna biex din il-parti flimkien ma oħrajn inkitbu minn Patri Mikiel Fsadni.

Patri Mikielangelo xwejjaħ u għama xorta waħda baqa' jaqdi d-dmirijiet saċerdotali tiegħu kemm fil-konfissjonarju w anke bil-priedki sbieħ tiegħu li tant kien magħruf għalihom. Wara 62 sena fl-Ordni Dumnikana, mibki mil-komunita' tal-Predikaturi, l-istudenti li kien surmast tagħhom, qraba u ħbieb miet fil-għomor ta' 78 sena fl-14 ta' Awwissu 1850 fil-kunvent ta' San Duminku tar-Rabat fej njinsab midfun fil-kannierja ta' dan il-kunvent fejn qatta l-biċċa l-kbira ta' ħajtu.

Mhux ta' b'xejn li fis-sagristija tad-Dumnikani tar-Rabat hemm pittura ta' Patri Mikielangelo Zammit b'din l-iskrizzjoni taħtha bil-Latin: ***Mikielangelo Zammit Malti miż-Żejtun li għall-darbtejn kien vigarju ġenerali tal-kongregazzjoni San Piju V: u li mexxa t-tliet kunventi tiegħu fl-1838 ġew mgħollija għal provinċja. Huwa ħadem bis-sħiħ biex gabar il-propjeta ta' dan il-kunvent fi ktieb imsejjaħ "Kabreo" huwa kien jaf tajjeb bil-Latin, Għarbi, Ibrajk, Franċis***



***u Ġrieġ u kien tajjeb ħafna fil-Geometrija, Fiżika u Matematika. Huwa għallem it-Teoloġija għal 40 sena sħaħ sakemm għama u miet għal mgħarufa pieta w d-dutrina tiegħu fil-14 ta' Awwissu f'għomor ta' 78 sena wara 62 sena reliġjuż fl-Ordni tal-Predikaturi.***

*Ħajr lil Patri Pawl Galea O.P.*
*Patri Mikiel Fsadni O.P.*